MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru. 464/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**David Julius Carmelino Sciberras**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Julius Carmelino Sciberras ta’ 18-il sena bin Martin u Beverly Townsend imwieled fir-Renju Unit fit-2 ta’ Marzu 1986 mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 465494(M)

Akkużat talli

1. F’dawn il-Gżejjer fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Ottubru 2004 u fix-xhur ta’ qabel dina d-data kellu fil-pussess

tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi didn ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli fl-istess data u ċirkostanzi pproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-panta meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli f'dawn l-aħħar xhur f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina

4. Ukoll tali f'dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħħar xhur kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (Ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

5. Ukoll talli ġewwa dawn il-Gżejjer f'dawn l-aħaħr xhur ta' din is-sena kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika wkoll l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-tweldi tal-imputat li jġib in-numru 4654 tal-1994, il-fedina penali netta tal-imputat (fol 4), l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali, il-ħatra tas-Sur Godwin Sammut bħala analista (fol.14) u sabiex jagħmel il-comparison bejn is-sustanza esibita u dik li kienet ippreżentata fil-proċess 'Il-Pulizija versus Christopher Farrugia' (fol.37), l-istqarrija tal-imputat (fol.20), il-current incident report (fol 32), id-dokument GS

a fol 40, id-digriet tal-Qorti sabeix ix-xhieda li ta s-sur Godwin Sammut fil-kawża 'Il-Pulizija versus Christopher Farrugia' tkun iserita f'dan il-proċess ukoll (fol.43), id-dokument GS a fol 64, id-dokument DT a fol 131, u l-verbasl a fol 147 li fih l-Avukat Difensur ġab a formali konjizzjoni tal-Qorti l-fatt li l-imputat illum waqaf mill-vizzju tad-droga wara li għamel kors u li llum għandu mpieg fiss, biddel il-ħbieb li kellu u llum huwa ħafna aħjar (fol 147).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

6. Skond l-Uffiċjal Prosekutur, fil-21 t'Ottubru 2004, ċertu George Farrugia kien għarraf il-Pulizija li r-reżina tal-cannabis li kienu għadhom kemm sabu f'The Pantheon Bar, Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar, kein tahomlu l-imputat sabiex ibiegħhomlu. Qabel dak il-jum dan George Farrugia kien iltaqa' mal-imputat u dan għaddielu l-4 biċċiet tal-cannabis sabiex dawn jinbiegħu u wara jagħti l-flus lill-imputat.

7. Fuq il-persuna tal-imputat instabu ħames biċċiet tal-kannabis. L-imputat ammetta li dawn kienu tiegħu. Huwa qal ukoll li kien għadda erba' biċċiet oħra lill-ħabib tieħu Christopher Farrugia sabiex dan ibiegħhom ujaħgtih lura l-flus.

8. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kien hu stess li għadda pakkett tas-sigaretti lill-Pulizija meta dawn kienu ser jibdew ifittxu fuqu. Dan il-pakkett kien fih tliet biċċiet reżina tal-cannabis ta' Lm15-il lira l-waħda u tliet biċċiet oħra li kienu jiswew Lm25 u tnejn minnhom Lm10. Aktar qabel kien ta tliet biċċiet lil Christopher Farrugia biex ibiegħhom. Huwa spjega kif ġien ġab il-cannabis u kif kien qattagħha biex ikun nista' jagħmel il-qligħ minnha. Huwa kien biegħ id-droga darb'oħra. Huwa kien qed ibiegħ id-dorga minħabba li ma kellux flus.

9. Kemm PS 676 Spiteri kif ukoll PS 839 Stephen Micallef iddeskrivew t-tfittxija li saret fuq l-imputat u kkonfermaw li l-imputat kien qalilhom li kien ta d-droga cannabis lil ċertu Christopher Farrugia biex dan ibiegħhom.

10. L-analista Godwin Sammut stabbilixxa li fil-5 pakketti kien hemm total ta' 13.69 grammi ta' cannabis.

11. Reġa' xehed beix jispjega kienx hemm xebħ bejn is-sustanza misjuba fuq l-imputat u dik misjuba fuq ċertu Christopher Farrugia u xehed li ma setax jilħaq konklużjoni li ss-ustanzi oriġinaw mill-istess sors. (fol.45) Il-mechanical fit kien ukoll fin-negattiv. (Ara fol 73 tal-proċess)

12. Xehed ukoll Christopher George Farrugia li qal li t-tliet biċċiet tal-cannabis kien tahomlu l-imputat. Ix-xhud kien ħeba dawn il-biċċiet fit-toilet meta kien mgħarraf li kienu waslu l-Pulizija biex jiċċekkjawlu l-ID card. Meta l-Pulizija avviċinawh beda jċempel it-telefon tax-xhud li kien juri li t-telefonata kienet ġejja minn għand l-imputat. Huwa qal li t–tliet biċċiet li kien ħeba kienu tal-imputat. L-imputat kien qallu biex iżommhomlu. Filfatt dan ix-xhud qal testwalment:

***<u>'Qalli biex inżommhomlu u, jekk poer eżempju, insib lil xi ħadd beix inbiegħhom, imnbiegħhom.'</u>*** (fol 128)

13. L-imputat kien ukoll qallu wkoll il-prezz.

**Xhieda Difiża**

14. Xehed l-imputat li qal li waqt l-istqarrija huwa kien taħt l-influwenza tat-drogi u kellu depressjoni u ma mi kienx jaf x'kien qed jagħmel dak il-ħin. Qabel l-istqarfrija kien daħal il-Mount Carmel.

15. Fil-kontroeżami huwa qal li ma jiftakrax li lill-Ispettur akien qalilha li ma kienx iħossu fiha. Huwa kein qed iħossu mbeżża' li jista' jagħmel xi ħaġa ħażina lilu nnifsu. Lanqas meta kien tressaq b'arrest ma kien qal li kellu xi

problema. (Fol 143). Huwa reġa' qal li waqt l-istqarrija huwa kien ivvinta ħafna gideb.

16. Mid-Dokument DS jidher li fis-16 ta' Settembru 2002, l-imputat kien iddaħħal fl-Isptar ta' San Luqa minħabba overdose. (Fol 145 et)

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni.**

17. Il-Prosekuzzjoni sabet ir-raża tal-cannabis għand l-imputat u għalhekk l-wewwel imputazzjoni ta' pussess sempliċi hija ppruvata.

**It-Tieni Imputazzjoni**

18. Din l-imputazzjoni hija dwar il-bejgħ jew it-traffikar fil-pjanta meħuda mill-pġjanta cannabis.

Dwar din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni pproduċiet:

(a) L-istqarrija tal-imputat.

(b) X'qal l-imputat lill-Uffiċjali tal-Pulizija

(ċ) X'Xehed Christopher Farrugia.

19. Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jidher ċarissimu li l-imputat kien għadda l-cannabis lil Christopher Farrugia sabiex dan tal-aħħar jittraffikaha u l-qligħ imur għand l-imputat.

20. L-imputat qal li waqt l-istqarrija ma kienx jaf x'ihu jagħmel, li kie taħt l-effett tad-drfoga u li dak li qal kien kollu gideb. Bir-rispett kollu, din ix-xhieda tal-imputat mhux attendibbli u l-uniku ċertifikat prodott li juri li l-imputat kien iddaħħall l-Isptar imur lura għas-sena 16 ta' Settembru 2002 meta dawn kienu proċeduri li nbdew fis-sena 2004 (fix-xahar t'Ottubru). Barra minn dan, dak li l-imputat qal fl-istqarrija jaqbel eżatt ma' dak li huwa kien qal **minn rajh l**ill-Pulizija. Oltre dan ix-xhieda li ta

Christopher Farrugia taqbel max-xhieda mogħtija mill-Uffiċjali Prosekuturi. Fl-aħħarnett ma jistax ikun li wieħed ikun qed jibża' jew li jkun konfuż waqt stqarrija meta jibda joħroġ kalkoli matematiċi daqshekk ċari sabiex jara kemm ser jibqagħlu fil-but ħalli jkun jista' jixtri aktar droga.

21. Il-Qorti qed tiddeċiedi ***<u>li wkoll jekk tinjora l-istqarrija tal-imputat</u>*** ix-xhieda mogħtija mill-Pulizija dwar dak li qalilhom l-imputat u x-xhieda ta' Christopher Farrugia huma biżżejjed biex jikkonvinċu lil din il-Qorti li l-imputat kien qed jissupplixxi l-cannabis lil Christopher Farrugia sabiex din tinbiegħ, att li huwa pprojbit bl-artikolu 22(1)(B) tal-Kap 101. Meta l-imputat kien qed jgħaddi l-cannabis lil Christopher Farrugia, l-imputat diġa' kien qed jissupplixxi. Dan ma sarx biex l-ikkonsmar isir dak il-ħin fuq il-post iżda sabiex jekk Christopher Farrugia jsib lil xi ħadd ibiegħhomlu u l-qligħ kellu jispiċċaw għand l-imputat.

22. L-imputat mhux biss issupplixxa iżda kellu l-intenzjoni li din id-droga tkun ittraffikata.

23. Isegwi li l-Prosekuzzjoni ppruvat it-tieni imputazzjoni wkoll.

**It-Tielet, ir-raba' u l-ħmaes Imputazzjoni**

24. Dawn l-imputazzjonijiet huma ppruvati mill-istqarrija tal-imputat stess (Fol.21).

25. Għaldaqstant, il-Prosekuzzjoni ppruvat l-ħames imputazzjonijiet b'dan pero' li l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**26. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 3(1) tal-LN 22/1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat**

**b'dan pero' li l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni.**

**27. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat għamel bidla f'ħajtu minn dak in-nhar sa llum, l-ammont involut, il-fedina penali nadifa tiegħu u li kien hemm ukoll ftit tat-trapass taż-żmien minħabba li l-Prosekuzzjoni kellha tistenna li jkunu mitmuma proċeduri kontra xhud. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €468. Il-multa tista' titħallas b'rata ta' 80 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti mill-multa mt titħallasx, din għandh tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.**

**28. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert (l-ewwel relazzjoni biss għax it-tieni waħda ma tat ebda frott) liema ħlas jammonta għal €284.38 (Lm121.53) li għandu jitħalls fi żmien xahar mil-lum.**

**29. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------